Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 70/2022 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 398/2022 FL-ISMIJIET: **AGOSTINA SALIBA (KI. 42564G) V. DAVID PISANI (KI. 243467M)**

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(D)(E) – PENALI AI TERMINI TAL-KAP. 12 ART. 836(8))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**7 ta' Settembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' David Pisani ("ir-rikorrent sekwestrat" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2022[1] li permezz tiegħu għar-raġunijiet fih premessi talab lill-Qorti jogħġobha:

> « 1. Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 398/2022 huwa wieħed null ai termini tal-artiklu 848 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux prima facie ġustifikat ai termini tal-artikolu (d) u (e).
>
> 2. Tordna l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 398/2022 jiġi revokat għal kollox u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 3. Tordna li konsegwentement għandu jinħareġ l-opportun kontro mandat għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 398/2022.
>
> 4. Tikkundanna lil Agostina Saliba tħallas lill-esponenti penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija

[1] Fol 1-4

> u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) u dana ai termijni tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 388/2022 kontra Agostina Saliba u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri ai termini tal-Artikolu 863(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta »

wara li rat l-Ordni *in camera* tal-11 ta' April 2022[2];

wara ir-risposta ta' Agostina Saliba ("l-intimata sekwestranta" jew "l-intimata") ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2022[3] li permezz tagħha għar-raġunijiet fiha premessi talbet lill-Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż,

wara li rat id-dokumenti ppreżentati fl-atti proċesswali,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. L-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża isir fil-kawża proprja, liema kawża inċidentalment infetħet quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

2. Dan ifisser ukoll illi jkun xi jkun l-eżitu ta' din il-proċedura, bl-ebda mod m'għandu jitqies li qed jingħata xi ġudizzju dwar il-mertu tal-pretensjonijiet reċiproki tal-partijiet.

3. F'dan il-każ partikolari, ir-rikorrent sekwestrat qed jattakka l-validita' tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 398/2022 u jitlob ir-revoka tiegħu abbażi tal-Art. 836(1)(d) u (e) tal-Kap. 12 li jipprovdu kif ġej:

> «**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> …
>
> (d) **jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;** jew

[2] Fol 5-6
[3] Fol 11-17

(e) **jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed** ... »

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12**

4. Permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni apparentement l-intimata sekwestranta riedet tqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' €10,000 rappreżentanti ammont allegatament dovut lilha mir-rikorrent sekwestrat. Jingħad apparentement proprju għaliex minkejja l-Ordni tal-Qorti tal-11 ta' April 2022 sabiex ir-rikorrent *inter alia* jippreżenta kopja tal-mandat kawtelatorju li tiegħu qed tintalab ir-revoka, dan baqa' m'għamilx hekk u filfatt fl-atti ma' tinstab l-ebda kopja.

5. Ċio nonostante mill-atti rispettivi tal-partijiet jidher illi hemm qbil illi l-kwistjoni fil-mertu hija dwar *mobile home* li nxtrat mir-rikorrent David Pisani (mingħand ċertu Vincent Vella – kopja tal-ftehim ppreżentata mar-rikors) fi żmien meta dan kien f'relazzjoni mal-intimata Agostina Saliba li qed titlob mingħad l-ex-*partner* tagħha l-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) li qed tgħid illi ħallset lill-venditur bħala parti mill-prezz. Il-kawża jidher li nfetħet ukoll għall-istess ammont.

6. Fid-digriet fl-ismijiet: **"Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea"** (336/2005 JRM, 29 ta' Lulju 2005) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej:

> « "L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-Qrati tal-Gustizzja pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u lieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta "Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti

> sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat. (ara : "Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd." (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003). »

7. Mill-provi dokumentarji li ġew imressqa quddiemha il-Qorti mad-daqqa t'għajn ma' tirriskontra l-ebda prova, wisq anqas prova determinanti, li l-ammont mitlub mill-intimata sekwestranta huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat. Lanqas m'hija rilevanti taħt din il-kawżali l-likwidita *o meno* tar-rikorrent sekwestrat jew il-garanzija li jista joffri bil-*mobile home* tiegħu kif donnu qed jippretendi fir-rikors tiegħu u dan għaliex din il-kawżali hija marbuta biss mal-allegat nuqqas ta' ġustifikazzjoni jew mal-eċċessivita' tal-**ammont** kawtelat. *Prima facie* l-intimata għandha bażi ta' pretensjoni x'tikkawtela u din ġiet kwantifikata f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-mandat.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(e) tal-Kap. 12**

8. Fil-premess tar-rikors tiegħu r-rikorrenti jgħid illi l-ammont kawtelat huwa eċċessiv stante illi ċ-ċirkustanzi tiegħu huma tali li "*ma' jagħtux lok għal xi dubbju raġjonevoli dwar il-likwidita' tiegħu, stante ... il-kwistjoni hija fuq mobile home li hija proprjeta' assoluta tar-rikorrenti u b'hekk l-esponenti għandu assi biżżejjed sabiex jagħmel tajjeb ...*" Kif diġa ingħad iktar 'l fuq, l-likwidita *o meno* tar-rikorrent sekwestrat jew il-garanzija li jista joffri bil-*mobile home* tiegħu m'għandha x'taqsam xejn mal-**eċċessivita' tal-ammont** u hawnhekk huwa ċar illi r-rikorrenti ħawwad il-kawżali taħt l-Art. 836(1)(d) ma' dik taħt l-Art. 836(1)(e). Madanakollu peress illi l-ewwel talba tar-rikorrenti tagħmel riferenza ukoll għal Art. 836(1)(e), il-Qorti sejra tqis illi l-garanzija li r-rikorrent jaħseb li għandha titqies mill-qorti bħala "**biżżejjed**" hija l-istess *mobile home* imsemmija.

9. Kif diġa ngħad din il-kawżali titratta l-eżistenza ta' garanzija mogħtija mir-rikorrent li fil-fehma tiegħu tkun waħda li għandha titqies biżżejjed mill-Qorti sabiex il-bżonn tal-mandat jaqa' fix-xejn.

10. Ġie stabbilit fil-ġurisprudenza fir-rigward tal-kawżali ta' "garanzija xierqa oħra" (Art. 836(1)(c)) – li pero tapplika daqstant ieħor għal din il-kawżali – illi:

> « ... biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att

kawtelatorju ieħor”.[4] Trid tkun ukoll ġid li l-eżekutat ikollu disponibbli għalih u mhux jibbenefika minnu bir-rieda ta' terzi.[5] Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[6]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[7]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant. Il-garanzija alternativa għandha titfittex f'ħaġa tanġibbli fil-patrimonju tal-parti eżekutata li tkun disponibbli[8] u mhux fuq sempliċi wegħda jew xi ħaġa li tkun mistennija li sseħħ fil-ġejjieni[9] »

11. Ir-rikorrent esebixxa skrittura privata datata 18 ta' Frar 2019 li permezz tagħha r-rikorrent kien xtara *mobile home* mingħand terza persuna għall-prezz ta' €37,000[10]. Issa min-natura tagħha *mobile home* hija proprjeta' mobbli mhux immobbli tant illi x-xiri sar permezz ta' ftehim privat u mhux b'att pubbliku kif altrimenti teħtieġ il-liġi *ad validatem* fil-każ ta' oġġetti immobbli. Proprjetarju ta' oġġett mobbli jista' faċilment jitlef il-pussess tiegħu, irrispettivament mir-rieda tiegħu u t-trasferiment tal-oġġett lil terz jista' jsir mingħajr xkiel u *ad insaputa* tal-intimata sekwestranta. Li jfisser dan illi anke mad-daqqa t'għajn ir-rikorrent ma' jistax jinqeda b'dan il-ġid mobbli sabiex joffri garanzija li tista' titqies bizzejjed mill-Qorti biex jitneħħa l-mandat.

---

4 **John Zarb v. Port Cottonera Ltd** (Rik 883/2002 TM, deċiż PA, 18.09.2002)
5 **Office Technology Ltd vs J.M. Supplies Co. Ltd.** (GCD, deċiż PA, 26.10.1999)
6 **Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut** (Rik 1094/2002 TM, deċiż PA, 05.06.2003).
7 **Dr. Tonio Fenech noe v. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et** (Rik 746/2001/1 GC, deċiż PA, 03.08.2001)
8 **Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd**. (Rik 1366/2002 TM, deċiż PA, 20.02.2003)
9 **John Zarb v. Port Cottonera Ltd** (Rik 883/2002 TM, deċiż PA, 18.09.2002). Ara ukoll **Gian Domenico Sarti v. Palazzo Events Limited** (Rik 1129/13 JRM, deċiż PA, 19/12/2013) u **Buz-Dov Developments Limited v. Gordon Farrugia et.** (Rik 28/2011 JRM, deċiż PA, 03/02/2011)
10 Fol 3

12. Inoltre anke li kieku r-rikorrent offra proprjeta' immobbli bħala garanzija għall-finijiet ta' dan il-mandat, jibqa' l-fatt illi f'dan l-istadju r-rikorrent **offra** biss u ma' ppreżenta l-ebda garanzija (fis-sens li trid il-liġi) għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti.

**Talba għal dikjarazzjoni ta' nullita'**

13. Fl-ewwel talba tiegħu r-rikorrent talab ukoll lill-Qorti *"tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 398/2022 huwa wieħed null ai termini tal-artikolu 848 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta".* Din it-talba qed issir għaliex il-mandat ġie intavolat ftit aktar minn sitt xhur wara l-ftuħ tal-kawża u mhux kontestwalment mal-kawża.

14. L-artikolu tal-liġi ċitat mir-rikorrent jipprovdi kif ġej:

> « 848. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 466 u 467 għal dawk li huma krediti tal-Gvern, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, il-mandat ta' qbid ma jiġix maħruġ kemm-il darba l-mandat ma jsirx flimkien ma' talba sabiex il-kreditu jew il-pretensjoni jiġu kanonizzati b'sentenza u sakemm il-kreditu jew il-pretensjoni ma jkunux iktar minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), jew it-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat hi għal xi ħaġa li, kif jingħad, hi l-proprjetà tal-persuna li tkun qed toħroġ il-mandat. »

15. Dan l-istess artikolu huwa applikabbli għall-mandati ta' sekwestru bis-saħħa tal-Art. 849 tal-Kap. 12.

16. Jiġi ċċarat illi kif ġieli ntqal mill-Qrati tagħna[11] talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju m'hijiex ekwivalenti bilfors għal talba sabiex jiġi ddikjarat null l-istess mandat.

> « X'aktarx, ħaġa li ma tiswiex minn twelidha ma jistax jintalab it-tħassir tagħha. Kemm hu hekk, il-liġi tagħna tipprovdi għal għamla ta' azzjoni li titlob it-tħassir (għal kollox jew f'biċċa minnu) ta' mandat kawtelatorju (li jkun jiswa), għal raġunijiet imsemmija fil-liġi nfisha, li l-ebda waħda minnhom ma ssemmi n-nullita' tal-mandat li jkun.»[12]

17. F'din il-kawża għalkemm ir-rikorrent mhux qed jitlob it-tħassir tal-mandat minħabba l-allegat nullita' tiegħu taħt l-Art. 836(1) tal-Kap. 12 (imma qed jagħmel

---

[11] Ara fost oħrajn **Carmelo Caruana Freeport Operations Ltd v. Medoffshore Limited et.** (PA, Rik Nru. 913/2006 JRM, deċiż 09/09/2008)

[12] *ibid*

hekk taħt l-Art. 848 tal-Kap. 12), madanakollu huwa qed qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' flimkien ma' talbiet oħra għat-tħassir ta' mandat meta dawn it-talbiet m'humiex kompatibbli ma' xulxin fl-istess azzjoni. Jekk ir-rikorrent jixtieq jattakka l-validita' tal-imsemmi mandat jeħtiġlu jifaħ azzjoni *ad-hoc* quddiem il-Qorti kompetenti u mhux jagħmel dan billi juża din il-proċedura.

18. Fi kwalunkwe każ il-Qorti ma' tarax kif fil-mertu t-talba għad-dikjarazzjoni ta' nullita' tista' qatt treġi meta huwa ċar li l-Artikolu 848 huwa maħsub biss sabiex fil-qrati inferjuri kreditur ma' jintavolax mandat kawtelatorju waħdu (kif jista' jagħmel fil-qrati superjuri meta imbagħad jkun jeħtieġlu jsegwi l-mandat b'azzjoni entro t-terminu stipulat) iżda jagħmel dan kontestwalment mat-talba. F'dan il-każ l-intimata sekwestranta fetħet kawża mingħajr ma' ntavolat mandat u kien biss ftit xhur wara, li ppreżentat il-mandat. Ċertament li l-intenzjoni tal-legislatur ma' kienetx, kif donnu qed jippretendi r-rikorrent, li l-kreditur li jiftah kawża waħedha jitlef id-dritt li sussegwentement *pendente lite* jippreżenta mandat sabiex jikkawtela l-pretensjoni tiegħu. Interpretazzjoni bħal din hija waħda mingħajr ebda loġika mhux l-anqas għaliex is-sitwazzjoni finanzjarja ta' debitur tista' tinbidel minn żmien għal ieħor fil-mori tal-proċeduri.

**Talba għall-imposizzjoni ta' penali**

19. Apparti t-talba tiegħu għad-dikjarazzjoni ta' nullita u għat-tħassir tal-mandat, ir-rikorrent talab ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimata tħallsu penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) u dan "*ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*".

20. L-Art. 836(8) imsemmi jipprovdi kif ġej:

> « 836 (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
>
> (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun

sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja. »

21. Fid-digriet mogħti fl-ismijiet: "**Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe**" (Rik 660/2012 JRM, 02/08/2012) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej dwar l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12:

«Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.

Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha.

Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. »

22. Fir-rikors tiegħu r-rikorrent jonqos milli jsemmi liema miċ-ċirkustanzi taħt l-Art. 836(8) tal-Kap. 12 għandhom japplikaw jew jekk hux qed jinvokahom kollha kemm huma. Meta fil-premessi insista illi (i) ma' kienx hemm dubbju raġjonevoli dwar il-likwidita' tiegħu, (ii) li l-mandat inħareġ "*frivolożament, vessatorjament u kapriċċjosament*" u, (iii) li l-mandat inħareġ b'mod malizzjuż għaliex ġie intavolat

"ħames xhur" wara l-ftuħ tal-kawża, huwa kien qiegħed jitratta l-kawżali li skond hu għandhom japplikaw għat-tħassir tal-mandat taħt l-Art. 836(1) kif ukoll it-talba tiegħu għad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-mandat, u mhux l-imposizzjoni tal-penali taħt l-Art. 836(8). Fi kwalunkwe każ il-Qorti ma' tirriskontra l-ebda prova li b'xi mod għandhom japplikaw l-estremi tal-penali taħt l-Art. 836(8)(c) jew (d). Mhux il-każ illi s-sempliċi proprjeta' ta' *mobile home* tagħmel iċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti tali illi ma' tagħtix lok għal xi dubju raġjonevoli dwar il-likwidita' tiegħu u dwar il-kapaċita finanzjarja tiegħu li jħallas l-ammont mitlub. Lanqas huwa l-każ illi l-mandat ġie intavolat b'mod malizzjuz, frivolu jew vessatorju sempliċiment għaliex ġie intavolat wara li ġiet ippreżentata l-kawża.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent sekwestrat bl-ispejjeż.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |